# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 52**

**nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2017, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 52 tas-Seba' Leġislatura, nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

Il-laqgħa bdiet fis-5:46pm.

Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

52.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier Clayton Gauci peress li dan jinsab imsiefer. L-apoloġija tiegħu ġiet nnominata mis-Sindku u ssekondata min Elia Borg. Għaldaqstant din l-assenza ġiet meqjuża bħala waħda b' apoloġija.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

52.2.1 Il-Minuti li ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill intalab li jagħti fehmtu dwar il-Cooperation Agreement dwar is-servizz tal-lampi tat-toroq li għalih inħarġet sejħa għall-offerti dan l-aħħar mir-Reġjun Tramuntana. Ġie mifthiem li fis-Seduta tal-Kunsill li jmiss, il-membri tal-Kunsill għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar dan qabel mal-ftehim jiġi approvat.

52.3.2 Is-Sindku ħabbar li id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni kienet ser tniehdi proġett għat-tfal ta' skejjel primarji bejn it-3 u is-7 ta' April bit-titlu 'X' Hemm l-Imġarr?'. Matul dan il-proġett ser isir użu mill-uffiċċju ammminstrattiv tal-Kunsill kif ukoll ser isir fuljett informattiv dwar l-Imġarr. Il-Kunsill approva dan bħala mezz ieħor kif jinxtered għarfien dwar l-Imġarr u l-wirt storiko-soċjali tiegħu.

52.3.3 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ta' koordinament mal-Water Service Corporation dwar proġetti ta' installazzjoni ta' sistemi għat-twassil tal-ilma mill-arja tal-Imġarr. Din il-laqgħa ġiet imsejħa ssejħet biex sakemm hu possibbli, isir aktar koordinament fil-qlugħ tat-toroq għall-ġid tar-residenti.

52.3.4 Is-Sindku informa li is-Segretarju Eżekuttiv kien bgħat email lil Transport Malta dwar proposti ta' toroq lejn Wied l-Imselliet, u biex qabel ma jsir xi xogħol, isir koordinament mal-Kunsill u mas-sidien tal-għelieqi fl-inħawi.

**52.4 Korrispondenza**

52.4.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex, bħas-snin l-imgħoddija, jiġi mtella' il-Kampjonat Nazzjonali tal-Mountain Running, b' ġirja bejn Binġema u l-Kunċizzjoni. Dan l-avveniment ser isir fl-20 ta' Mejju 2017 u l-Kunsill approva li l-Kunsill għandu joffri l-għajnuna tiegħu bħalma agħmel fis-snin ta' qabel.

52.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ħabbar li kien ser joħroġ l-ittri lis-sidien tal-gabbani tal-Festa dwar il-post alternattiv fejn dawn jarmaw. Il-Kunsill qabel li dawn jintbgħatu minnufih.

**52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

52.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**52.6 Rapporti**

52.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**52.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

52.7.1 Ma kienx hemm l-ebda' punt dwar dan f' din il-laqgħa.

**52.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

52.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 01/2016

52.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda.

**52.9 Mozzjonijiet**

52.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**52.10 Evalwazzjoni tas-Sejħa għall-offerti MGR 01/2016**

52.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda ir-rapport tal-Evalwazzjoni għas-sejħa tas-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku. Dan ir-rapport, fost affarijiet oħra, kien jindika kif l-offerti mitfugħa kienu 8, u kollha ġew meqjuża bħala validi. L-offerti kollha mitfugħa kienu dawn :

| | | |
|---|---|---|
| *1* | **Galea Cleaning Solutions JV** | 128,087.36 |
| *2* | **Antione Bartolo** | 138,413.76 |
| *3* | **Saviour Mifsud** | 152,880.00 |
| *4* | **Alexander Fenech** | 157,840.00 |
| *5* | **Alistair Bezzina** | 206,000.00 |
| *6* | **Waste Collection Limited** | 214,760.00 |
| *7* | **Norther Cleaning Group Ltd** | 232,560.00 |
| *8* | **WM Environmental Ltd** | 347,728.00 |

52.10.2 Għaldaqstant, ir-rapport kien jipproponi li tintlaqa' l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV peress li kien l-aktar waħda irġisa fost dawk li kien jilħqu it-talbiet kollha tas-sejħa.

52.10.3 Is-Sidku ippropona dan l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u Eman Vella issekkonda. Wara dan, ir-rapport ġie approvat u maqbul unanimament mill-Kunsill u l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions JV ġew iddikjarati bħala dik magħżula.

52.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jgħarraf b' dan lill-kuntrattur magħżul u ser ikun qed iħejji il-kuntratt sabiex is-servizz il-ġdid jibda' mit-Tnejn 27 ta' Frar 2017.

**52.11 Preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr 2017**

52.11.1 Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr 2017, li ser jittella' nhar il-Ħadd 5 ta' Frar fl-Iskola Primarja tal-Imġarr.

52.11.2 Il-Kunsill ser ikun qed jagħti 3 unuri : Unur Żgħażagħ, Rikonoxximent, u Ġieħ l-Imġarr.

52.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-istaff kienu ser jibgħatu l-inviti, u l-istaff qed jieħdu ħsieb il-preparamenti neċċessarju, it-tfassil tal-programm mużikali kif ukoll il-bibita li ser isir wara bħal kull sena.

**52.12 Avveniment tal-INTERREG f' April 2017**

52.12.1 Il-Kunsill iddiskuta il-proposta tal-PPCD dwar l-involviment tal-Kunsill fl-avveniment tal-INTERREG li ser isiru f' April 2017. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr ġie mitlub jieħu sehem wara il-proġett taċ-CYPFIRE li ġie konkluż tliet snin ilu.

52.12.2 Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din l-istedina u ser ikun qed iħejji programm ta' nofs ta' nhar sabiex id-delegati tal-INTERREG jiskopru l-Imġarr u dak li għandu x' joffri.

52.12.3 Eman Vella ppropona li l-Kunsill jistieden lil żewġ uffiċċjali Taljani mill-proġett CYPFIRE sabiex jieħdu sehem f' dan l-avveniment. Il-Kunsill approva din il-proposta.

52.14 Problemi ta' rimi ta' skart speċjalment f' appartamenti

52.14.1 Il-Kunsill iddiskuta ċertu problemi fejn xi residenti, speċjalment dawk li joqgħodu f' appartamenti u dawk barranin, ma jikkollaborawx mal-ġranet tal-ġbir ta' skart. Dan joħloq inkonvenjent kif ukoll problemi ta' natura sanitarja u ta' iġene fil-lokalita'.

52.14.2 Il-Kunsill iddiskuta kif qieħed jista' jilqa' għal dan. Għalhekk ser ikun qed jagħmel aktar enfażi fuq l-importanza tal-edukazzjoni u tal-kooperazzjoni mal-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir ta' skart.

**52.15 Tmiem tal-laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

52.15.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:10pm.

52.15.2 Il-Laqgħa li jmiss issejjħet għal-Erbgħa 15 ta' Frar 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***